A.L. 18 ta' l-1996

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Regolamenti ta' l-1996 li Jemendaw l-Iskeda B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Emenda Nru. 2)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 1007 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Ministru tal-Ġustizzja u Kultura għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 li jemendaw l-Iskeda B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi". Kap. 12

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1996.

Jemenda l-Iskeda B tal-Kodiċi.

2. Fil-Formula Nru. 9 li hemm fl-Iskeda B tal-Kodiċi kif enumerata mill-ġdid bil-paragrafu (g) tar-regolament 2 ta' l-Avviż Legali 190 ta' l-1995, minflok il-kliem "*(kif hemm fil-Formula Nru. 12/Nru. 13).*" għandhom jidħlu l-kliem "*(kif hemm fil-Formula Nru. 8).*".